

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

20 ta' Novembru 2008\*

Fil-Kawża C-209/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' April 2007, fil-proċedura

**Competition Authority**

vs

**Beef Industry Development Society Ltd,**

**Barry Brothers (Carrigmore) Meats Ltd,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President tal-Awla, A. Ó Caoimh, J. N. Cunha Rodrigues, U. Lõhmus u P. Lindh (Relatur), Imħallfin,

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,  
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Ġunju 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għall-Competition Authority, minn V. Balaguer, bħala aġent, D. McDonald u A. Collins, SC, kif ukoll minn Ú. Tighe, BL, mandatarji minn D. McFadden, solicitor,
- għal Beef Industry Development Society Ltd, minn D. O'Donnell, M. Collins u D. Barnville, SC, kif ukoll minn I. McGrath, BL,
- għall-Gvern Belġjan, minn C. Pochet, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn X. Lewis u J. Samnadda, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2008,

tagħti l-preżenti

## **Sentenza**

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE.
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, il-Competition Authority u, min-naħa l-oħra, Beef Industry Development Society Ltd (iktar 'il quddiem "BIDS") u Barry Brothers (Carrigmore) Meats Ltd (iktar 'il quddiem "Barry Brothers") fir-rigward tad-deċiżjoni tal-BIDS li torganizza r-razzjonalizzazzjoni tas-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella fl-Irlanda.

## **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

- 3 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kwistjoni mressqa quddiem is-Supreme Court tidħol fil-kuntest tal-eċċessi ta' kapaċità li jaffettwaw is-settur tal-annimali tal-ifrat fl-irlanda u, b'mod partikolari s-settur ta' pproċessar (qtil tal-bhejjem u ddissussar tal-laħam).

- 4 Studju kkummissjonat fl-1998 fuq talba konġunta tal-Gvern Irlandiż u tar-rappreżentanti tas-settur tal-annimali tal-ifrat ikkonkluda li kien neċessarju li n-numru ta' dawk li jipproċessaw il-laħam, li dak iż-żmien kienu 20, jitnaqqas għal bejn 4 u 6. Dan ir-rapport kien ukoll jirrakkomanda li dawk li jibqgħu fis-suq (iktar 'il quddiem il-"membri li jibqgħu") jikkumpensaw lill-dawk li jiġu mgħielgħa jitolqu mis-suq (iktar 'il quddiem il-"membri li ser joħorġu").
- 5 Fl-1999, grupp ta' ħidma mwaqqaf mill-Ministru tal-agrikoltura u l-ikel wasal għal konklużjonijiet analogi u rrakkomanda l-ħolqien, min-naħa ta' dawk li jipproċessaw il-laħam, ta' fond ta' kumpens.
- 6 Skont dawn il-konklużjonijiet, fit-2 ta' Mejju 2002 l-għaxar impriżi prinċipali fost dawk li jipproċessaw il-laħam stabbilixxew il-BIDS. Din tal-aħħar ippreparat abbozz ta' pjan ta' razzjonalizzazzjoni li kien jipprovdi, fost l-oħrajn, tnaqqis ta' madwar 25 % tal-kapaċitajiet ta' pproċessar, jiġifieri l-ekwivalenti ta' volum ta' madwar 420 000 bhima fis-sena.
- 7 BIDS kellha l-intenzjoni timplimenta dawn l-għanijiet permezz ta' ftehim konklużi bejn il-membri li jibqgħu u l-membri li ser joħorġu, u dan skont ftehim standard li l-karatteristiċi ewlenin tiegħu huma miġbura fil-punti segwenti.
- 8 Dan il-ftehim standard kien jipprovdi li l-membri li jibqgħu jikkumpensaw lill-dawk li ser joħorġu u li l-ammont ta' dawn il-kumpensi kellu jiġi ddeterminat mill-partijiet. Il-BIDS tħallas dawn il-kumpensi lill-membri li ser joħorġu. Il-membri li jibqgħu, min-naħa tagħhom, jħallsu lura dawn il-kumpensi lill-BIDS permezz ta' kontribuzzjoni ta'

EUR 2 għal kull bhima maqtula fi ħdan il-volum normali ta' pproċessar u ta' EUR 11 għall kull bhima maqtula lil hinn minn dan il-volum normali. Min-naħa tagħhom, il-membri li ser joħorġu jimpenjaw ruħhom:

- li jeqirdu jew ma jibqgħux jużaw it-tagħmir ta' pproċessar jew li jbigħu dan it-tagħmir biss lil persuni stabbiliti barra mill-gżira Irlandiża jew, jekk ikun il-każ, lill-membri li jibqgħu sakemm dawn jużawh biss bħala tagħmir għall-użu f'każ ta' emerġenza jew għall-biċċiet;
- li għal perijodu ta' ħames snin ma jużawx, għall-ipproċessar tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella, l-artijiet li fuqhom kien jinsab dan it-tagħmir, u
- li għal perijodu ta' sentejn ma jikkompetux mal-membri li jibqgħu fis-suq ta' pproċessar tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella fl-irlanda.

<sup>9</sup> Barry Brothers hija kumpannija li tipproċessa l-laħam taċ-ċanga u tal-vitella. Hija kkonkludiet mal-BIDS ftehim li jinkludi l-karatteristiċi deskritti fil-punt preċedenti.

<sup>10</sup> BIDS innotifikat dan il-ftehim u l-ftehim standard lill-Competition Authority (iktar 'il quddiem il-“ftehim BIDS”).

<sup>11</sup> Wara li fil-5 u fis-26 ta' Ġunju 2003 l-Competition Authority informat lill-BIDS li hija kienet tqis li l-ftehim BIDS kienu jmorru kontra l-Artikolu 81(1) KE, hija, fit-30 ta' Ġunju 2003, talbet lill-High Court tordna lill-BIDS u lil Barry Brothers ma jimplementawx il-ftehim.

12 Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Lulju 2006, il-High Court ċaħdet din it-talba. Hija kkunsidrat li l-ftehim konkluż bejn BIDS u Barry Brothers ma kienx kopert mill-projbizzjoni pprovduta fl-Artikolu 81(1) KE u lanqas ma kien jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni pprovduti fl-Artikolu 81(3).

13 Il-Competition Authority appellat minn din id-deċiżjoni quddiem is-Supreme Court li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

“Meta jkun ġie stabbilit mill-qorti li:

- a) hemm eċċess ta' kapaċità fis-settur ta' pproċessar tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella, li huwa stmat li huwa ta' madwar 32 % meta kkalkolat fi żmien il-produzzjoni massima;
- b) l-effetti ta' dawn l-eċċessi ta' kapaċità ser ikollhom effetti serji fuq il-vijabbiltà tas-settur kollu fuq medda ta' żmien medju;
- ċ) għalkemm, hekk kif ġie stabbilit, l-effetti ta' dawn l-eċċessi għadhom ma bdewx jinħassu b'mod sinjifikattiv, xi konsulenti indipendenti indikaw li fuq medda ta' żmien medju, dawn l-eċċessi ta' kapaċità mhux ser ikunu jistgħu jiġu eliminati fil-kors normali tas-suq; anzi, fiż-żmien, huma ser iġibu magħhom telf kbir u finalment iwasslu sabiex xi wħud minn dawk li jipproċessaw il-laħam joħorġu mis-suq;

- d) xi wħud minn dawk li jipproċessaw il-laħam li jirrappreżentaw madwar 93 % tal-offerta tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella fis-settur fteħmu li jieħdu xi miżuri sabiex jeliminaw l-eċċessi ta' kapaċità u huma disposti li jħallsu xi kontribuzzjonijiet intiżi sabiex jiffinanzjaw il-kumpens li jrid jingħata lil dawk il-persuni li jipproċessaw il-laħam li jaċċettaw li jtemmu l-produzzjoni tagħhom, u li

dawk li jipproċessaw il-laħam, li jirrappreżentaw għaxar impriżi, jiformaw persuna morali (Society) bil-għan li jiġi implementat fteħim li fih il-karatteristiċi segwenti:

- l-impriżi [li ser joħorġu] [...] li joqtlu u jipproċessaw 420 000 bhima fis-sena, li jirrappreżentaw madwar 25 % tal-kapaċitajiet attivi ser jilħqu fteħim [mal-impriżi li jibqgħu] bil-għan li joħorġu mis-settur taħt il-kundizzjonijiet segwenti;
- il-membri li joħorġu jintrabtu bi klawżola ta' non-kompetizzjoni li tkun valida għal sentejn, fir-rigward ta' pproċessar tal-bhejjem fil-gżira tal-Irlanda kollha;
- l-impriżi li joħorġu jkollhom jagħlqu;
- l-artijiet tal-impriżi magħluqa ma jkunux jistgħu jintużaw għal xogħol ta' pproċessar tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella għal ħames snin;
- il-membri li joħorġu jingħataw kumpens li jitħallas bin-nifs, permezz ta' self li jingħata mill-membri li jibqgħu lill-kumpannija;

- jitħallsu kontribuzzjonijiet volontarji lill-kumpannija mill-membri kollha li jibqgħu bir-rata ta' EUR 2 għal kull bhima inkluża fil-volum normali tal-qtil, espress f'perċentwali, u ta' EUR 11 ir-ras għal kull bhima maqtula lil hinn minn dan il-volum;
- il-kontribuzzjonijiet volontarji ser iservu sabiex jitħallas lura s-self, u [dawn il-kontribuzzjonijiet] jintemmu malli s-self jitħallas lura kollu;
- it-tagħmir tal-membri li joħorġu li jkun użat fl-ipproċessar primarju tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella jinbiegħ lill-membri li jibqgħu biss sabiex iservi ta' tagħmir għall-użu f'każ ta' emerġenza jew għal biċċiet, jew inkella jinbiegħ barra mill-gżira tal-Irlanda;
- m'għandhiex tiġi mittiefsa l-libertà tal-membri li jibqgħu f'dak li jikkonċerna l-produzzjoni, il-prezzijiet, il-kundizzjonijiet tal-bejgħ, l-importazzjoni u l-esportazzjoni, iż-żieda fil-kapaċità jew punti oħra, u

fejn jirriżulta li tali ftehim jista' għall-finijiet tal-Artikolu 81(1) KE, ikollu effett sostanzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati membri, tali ftehim għandu jiġi kkunsidrat li għandu bħala għan, li huwa distint mill-effett tiegħu, li jostakola, jirrestrinġi jew jgħawweġ il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni u konsegwentement, bħala inkompatibbli mal-Artikolu 81(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea?"



**Fuq id-domanda preliminari**

- 14 Permezz tad-domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk ftehim li jkollhom karatteristiċi bħal dawk tal-ftehim BIDS għandhomx jiġu kkunsidrati bħala li jirrestrinġu l-kompetizzjoni u li huma pprojbiti mill-Artikolu 81(1) KE sempliċement minħabba l-għan tagħhom jew jekk, bil-kontra ta' dan, huwiex meħtieġ li sabiex tintlaħaq tali konklużjoni għandu preliminarjament jiġi pprovat li tali ftehim jipproduċu effetti antikompettittivi.
- 15 Għandu jiġi mfakkar li sabiex jaqgħu taħt il-projbizzjoni pprovduta fl-Artikolu 81(1) KE, ftehim għandu jkollhom "bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni". B'effett mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 1966, LTM (56/65, Ġabra p. 337, 359), hija ġurisprudenza stabbilita li n-natura alternattiva ta' din il-kundizzjoni, enfasizzata mill-konġunzjoni "jew", għandha twassal sabiex qabel kollox jiġi kkunsidrat l-għan innifsu tal-ftehim, fid-dawl tal-kuntest ekonomiku li fih dan għandu jiġi applikat. Madankollu, fil-każ fejn mill-eżami tal-klawżoli ta' dan il-ftehim ma jirriżultax livell suffiċjenti ta' ħsara fir-rigward tal-kompetizzjoni, għandhom jiġu eżaminati l-effetti tiegħu u, sabiex dan ikun ipprojbit, għandu jkun jissodisfa l-elementi li jistabbilixxu li l-kompetizzjoni tkun effettivament ġiet jew ostakolata, jew ristretta jew inkella distorta b'mod kunsiderevoli.
- 16 Għaldaqstant, fl-evalwazzjoni ta' jekk ftehim huwiex ipprojbit mill-Artikolu 81(1) KE mhuwiex neċessarju li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti konkreti tiegħu fis-suq meta jkun jidher li dan għandu l-għan li jostakola, jirrestrinġi jew jgħawweġ il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni (sentenzi tat-13 ta' Lulju 1966, Consten u Grundig vs Il-Kummissjoni, 56/64 u 58/64, Ġabra p. 429, 496, kif ukoll tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, C-105/04 P, Ġabra p. I-8725, punt 125). Dan l-eżami għandu jseħħ fid-dawl tal-kontenut tal-ftehim u tal-kuntest ekonomiku li jkun jiffirma parti minnu (sentenzi tat-28 ta' Marzu 1984, Compagnie royale asturienne des mines u Rheinzink vs Il-Kummissjoni, 29/83 u 30/83, Ġabra p. 1679, punt 26, kif ukoll tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punt 66).

- 17 Id-distinsjoni bejn “ksur minħabba l-għan” u “ksur minħabba l-effetti” tikkonċerna ċ-ċirkustanza li ċerti forum ta’ kollużjoni bejn impriżi jistgħu jiġu kkunsidrati, min-natura tagħhom stess, bħala ta’ ħsara għall-funzjonament normali tal-kompetizzjoni.
- 18 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kemm il-Competition Authority kif ukoll il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej iquisu li l-ftehim BIDS għandhom manifestament għan antikompetittiv u għaldaqstant mhuwiex neċessarju li jiġu kkunsidrati l-effetti konkreti tagħhom u jikkunsidraw li dawn il-ftehim għew konklużi bi ksur tal-projbizzjoni pprovduta fl-Artikolu 81(1) KE.
- 19 Min-naħa l-oħra, BIDS issostni li l-imsemmija ftehim ma jaqgħux taħt il-kategorija tal-ksur minħabba l-għan iżda, bil-kontra ta’ dan, għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-effetti konkreti tagħhom fis-suq. Hija ssostni li l-ftehim BIDS, minn naħa, m’għandhomx għan antikompetittiv u li, min-naħa l-oħra, dawn ma jgħibux magħhom effetti dannużi għall-konsumaturi kif ukoll, b’mod ġenerali, għall-kompetizzjoni. Hija tispeċifika li l-għan ta’ dawn il-ftehim mhuwiex dak li ssir ħsara lill-kompetizzjoni jew lill-benesseri tal-konsumaturi iżda dak li tiżdied l-effiċjenza ta’ settur tal-annimali tal-ifrat sabiex isir iktar kompetittiv billi jitnaqqsu l-eċċessi ta’ kapaċità fil-produzzjoni, mingħajr madankollu ma jneħħihom kompletament.
- 20 Dan l-aħħar argument ma jistax jintlaqa’.
- 21 Fil-fatt, sabiex jiġi ddeterminat jekk ftehim jaqax taħt il-projbizzjoni pprovduta fl-Artikolu 81(1) KE, wieħed għandu jiffoka fuq il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tiegħu u fuq l-għanijiet oġġettivi li huwa jrid jilħaq. F’dan ir-rigward, anke jekk jiġi kkunsidrat bħala paċifiku li l-partijiet fi ftehim aġixxew mingħajr l-ebda intenzjoni suġġettiva li jirrestrinġu l-kompetizzjoni iżda bl-iskop li jagħmlu tajjeb għall-effetti tal-kriżi settorjali, xorta jibqa’ l-fatt li tali kunsiderazzjonijiet mhumiex rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, ftehim jista’ jitqies li għandu għan restrittiv anke jekk m’għandux bħala għan waħdieni li jillimita l-kompetizzjoni imma għandu għanijiet oħra li huma leġittimi (sentenza General Motors vs

Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata). Huwa biss fil-kuntest tal-Artikolu 81(3) KE li elementi bħal dawk invokati mill-BIDS jistgħu, jekk ikun il-każ, jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-ksib ta' eżenzjoni mill-projbizzjoni pprovduta fl-Artikolu 81(1) KE.

22 Barra minn dan BIDS issostni li l-kunċett ta' ksur minħabba l-għan għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv. Huma biss dawk il-ftehim li għandhom bħala għan l-iffissar orizzontali tal-prezzijiet, il-limitazzjoni tal-produzzjoni jew it-tqassim tas-swieq li jaqgħu taħt din il-kategorija, jiġifieri dawk il-ftehim li l-effetti antikompetittivi tagħhom ikunu saru tant evidenti li ma tkun meħtieġa ebda analiżi ekonomika. Il-ftehim BIDS la jistgħu jiġu assimilati ma dawn it-tipi ta' ftehim u lanqas ma forom oħra ta' akkordji kumplessi. BIDS issostni li ftehim li jikkonċerna t-tnaqqis tal-eċċessi ta' kapaċità settorjali ma jistax jiġi assimilati ma ftehim intiż sabiex "jillimita l-produzzjoni" fis-sens tal-Artikolu 81(1)(b) KE. Fil-fatt, dan il-kunċett għandu jiġi interpretat bħala li jikkonċerna limitazzjoni tal-produzzjoni totali tas-suq iktar milli l-limitazzjoni tal-produzzjoni ta' wħud mill-operaturi li jirtiraw volontarjament mis-suq, mingħajr ma dan iġib miegħu tnaqqis fil-produzzjoni.

23 Madankollu, kif tosservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 tal-konklużjonijiet tagħha, it-tipi ta' ftehim elenkati fl-Artikolu 81(1)(a) sa (e) ma jiffirmawx lista eżawrjenti tal-kollużjonijiet ipprojbiti.

24 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk ftehim li għandhom l-istess karatteristiċi bħal dawk deskritti mill-qorti ta' rinviu għandhomx l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

- 25 Skont BIDS, jekk ftehim ma jaffettwax il-produzzjoni totali fis-suq u ma jostakolax il-libertà li l-operaturi jaġixxu b'mod awtonomu, kull impatt antikompetittiv jista' jiġi eskluż. Fil-kwistjoni fil-kawża prinċipali, il-ħruġ ta' wħud mill-operaturi mis-suq mhuwiex rilevanti peress li dawk li jibqgħu fis-suq ikunu f'pożizzjoni li jissodisfaw id-domanda.
- 26 BIDS iżżid tgħid li l-istruttura tas-suq ma tippermettix lill-dawk li jipproċessaw il-laħam li jinfluwenzaw l-istess struttura peress li madwar 90 % tad-domanda toriġina l-barra mill-Irlanda. Fis-suq Irlandiż, is-setgħa ta' dawk li jipproċessaw il-laħam hija bbilanċjata mis-setgħa ta' xiri tal-erba' distributuri l-kbar. Għandha tittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-kompetizzjoni li jistgħu joffru operaturi ġodda li jidħlu fis-suq ikkonċernat.
- 27 BIDS tosserva li l-każijiet fejn limitazzjoni tal-offerta ġiet ikkunsidrata bħala ksur minħabba l-għan kienu jikkonċernaw ftehim aċċessorji għal-ftehim li jiffissaw orizzontalment il-prezzijiet jew inkella l-produzzjoni [Deċiżjoni tal-Kummissjoni 80/1334/KEE, tas-17 ta' Diċembru 1980, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu [81] tat-Trattat KEE (IV/29.869 — Cast glass Taljan) (ĠU L 383, p. 19), u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/601/KE, tat-13 ta' Lulju 1994, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu [81] tat-Trattat KE (IV/C/33.833 — Kartun) (ĠU L 243, p. 1)], u li l-ftehim BIDS mhuwiex paragonabbli ma dawn it-tipi ta' ftehim.
- 28 Skont BIDS il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni u l-ġurisprudenza ma jippermettux li jiġi kokluż li hemm restrizzjoni minħabba l-għan [ara, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/380/KEE, tal-4 ta' Lulju 1984, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu [81] tat-Trattat KEE (IV/30.810 — Fibri Sintetiċi) (ĠU L 207, p. 17), u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/296/KE, tad-29 ta' April 1994, dwar proċedura ta'

applikazzjoni tal-Artikolu [81] tat-Trattat KE (IV/34.456 — Stichting Baksteen) (ĠU L 131, p. 15), kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Jannar 2001, *Weyl Beef Products et vs Il-Kummissjoni*, T-197/97 u T-198/97, Ġabra p. II-303].

29 Il-ftehim BIDS ma jistgħux jiġu pparagunati mal-iffriżar tal-kapaċitajiet previst mill-konferenzi marittimi fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 94/980/KE, tad-19 ta' Ottubru 1994, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu [81] tat-Trattat KE (IV/34.446 — Trans Atlantic Agreement) (ĠU L 376, p. 1), peress li dawn ma kinux suffiċjenti sabiex jeliminaw l-eċċessi ta' kapaċità settorjali.

30 Fl-aħħar nett, il-ftehim BIDS la jikkontemplaw l-iffriżar jew nuqqas ta' użu ta' kapaċitajiet, la skambji ta' informazzjoni u lanqas kwoti jew miżuri oħra intiżi sabiex jinżammu l-ishma tas-suq tal-membri li jibqgħu fis-suq.

31 F'dan ir-rigward, mill-proċess u mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-għan tal-ftehim BIDS huwa dak li jbidel b'mod kunsiderevoli l-istruttura tas-suq permezz ta' mekkaniżmu li jħeġġeġ il-ħruġ mis-suq ta' impriżi kompetituri.

32 Mill-elementi ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-ftehim BIDS huma intiżi għat-titjib tal-profittabbiltà globali tal-impriżi li joffru iktar minn 90 % tas-servizzi ta' pproċessar ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella fis-suq Irlandiż billi jippermettilhom joqorbu, x'aktarx jilħqu, l-iskala ta' effiċjenza minima tagħhom. Sabiex dan iseħħ, dawn il-ftehim għandhom żewġ għanijiet prinċipali. Dawn huma, minn naħa, iż-żieda tal-livell ta' konċentrazzjoni tas-suq ikkonċernat billi jitnaqqsu

b'mod kunsiderevoli n-numru ta' impriżi li joffru servizzi ta' pproċessar u, min-naħa l-oħra, l-eliminazzjoni ta' madwar 75 % tal-kapaċitajiet eċċessivi ta' produzzjoni.

33 Għalhekk, il-ftehim BIDS huma intiżi sabiex jippermettu lil diversi impriżi jimplementaw politika komuni li għandha l-għan li tiffavorixxi l-ħruġ mis-suq ta' wħud fosthom u li, konsegwentement, tnaqqas l-eċċessi ta' kapaċità li jaffettwaw il-profittabbiltà tagħhom u li jostakolawhom milli jagħmlu ekonomija ta' skala.

34 Dawn it-tipi ta' ftehim huma evidentement konfliġġenti mal-kunċett inerenti fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE li jirrigwardaw il-kompetizzjoni, li jipprovdi li kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina b'mod awtonomu l-politika li huwa għandu l-intenzjoni li jsegwi fis-suq. L-Artikolu 81(1) KE huwa effettivament intiż sabiex jipprojbixxi kull forma ta' koordinazzjoni li intenzjonalment tissostitwixxi r-riskji tal-kompetizzjoni b'kooperazzjoni Prattika bejn l-impriżi.

35 Fil-kuntest tal-kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' dawn il-ftehim, sabiex itejbu l-profittabbiltà tagħhom l-impriżi li ffirmaw li ftehim BIDS ma kienx ikollhom triq oħra ħlief li jintensifikaw ir-rivalità kummerċjali tagħhom jew inkella jirrikorru għal operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni. Permezz ta' dawn il-ftehim, ikun possibbli għalihom li jevitaw tali

proċess u li jaqsmu parti importanti mill-ispejjeż neċessarji għat-tkabbir tal-livell ta' konċentrazzjoni tas-suq permezz ta', fost l-oħrajn, kontribuzzjoni ta' EUR 2 għal kull unità pproċessata mill-membri li jibqgħu.

<sup>36</sup> Barra minn dan, il-mezzi implementati sabiex jintlaħaq l-għan tal-ftehim BIDS ukoll jikkostitwixxu restrizzjonijiet li l-għan tagħhom huwa ta' natura antikompetittiva.

<sup>37</sup> L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjoni ta' EUR 11 għal kull bhima maqtula lil hinn mill volum normali ta' pproċessar ta' kull membru li jibqa' fis-suq, din tirrappreżenta, skont BIDS, il-prezz li dawn tal-aħħar għandhom iħallsu sabiex jiksbu l-klijentela tal-membri li ser joħorġu mis-suq. Madankollu għandu jiġi osservat, hekk kif tagħmel l-Avukat Ġenerali fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tagħha, li miżura bħal din ukoll tikkostitwixxi ostakolu għall-iżvilupp naturali tal-ishma tas-suq fir-rigward ta' wħud mill-membri li jibqgħu li, minħabba l-karattru dissważiv ta' din il-kontribuzzjoni, ikunu mħeġġa ma jaqbżux il-volum normali tagħhom ta' pproċessar. Għalhekk din il-miżura tirriskja li twassal lil ċerti operatori sabiex jiffriżaw il-produzzjoni tagħhom.

<sup>38</sup> It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda r-restrizzjonijiet imposti fuq il-membri li ser joħorġu mis-suq fir-rigward tat-tneħħija u l-użu tal-impjanti ta' pproċessar tagħhom, il-ftehim BIDS jinvolvu wkoll, mill-istess għan tagħhom, restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni safejn dawn huma intiżi li jevitaw li dawn l-impjanti jkunu jistgħu jintużaw minn operatori ġodda li jidħlu fis-suq bl-għan li jikkompetu kontra l-membri li jibqgħu fis-suq. Kif osservat il-Competition Authority fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, peress li l-investimenti meħtieġa għall-bini ta' impjant ġdid ta' pproċessar kienu ħafna ogħla mill-ispejjeż meħtieġa għat-teħid ta' impjant eżistenti, dawn ir-restrizzjonijiet huma manifestament intiżi sabiex jiddisswadu lil kompetituri l-ġodda milli jidħlu fis-suq tat-territorju kollu tal-gżira tal-Irlanda.

39 Fl-aħħar nett, il-fatt li l-imsemmija restrizzjonijiet, l-istess bħal klawżola ta' nonkompetizzjoni imposta fuq il-membri li ser joħorġu, huma limitati fiż-żmien mhuwiex ta' natura tali li jikkonfuta l-konstatazzjoni tan-natura antikompetittiva tal-ġhan tal-ftehim BIDS. Kif osservat l-Avukat Ġenerali fil punt 86 tal-konklużjonijiet tagħha, tali elementi jistgħu jkunu rilevanti, l-iktar l-iktar, għall-finijiet tal-eżami tal-erba' kundizzjonijiet li l-osservanza tagħhom hija meħtieġa mill-Artikolu 81(3) KE sabiex ftehim jevita l-projbizzjoni pprovduta fl-Artikolu 81(1).

40 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li ftehim li għandu karatteristiċi bħal daww tal-ftehim standard konkluż bejn l-ġħaxar impriżi ewlenin fost l-impriżi li jipproċessaw il-laħam taċ-ċanga u tal-vitella fl-Irlanda, li huma membri tal-BIDS, u li b'mod partikolari jipprovdni għal tnaqqis tal-kapaċitajiet ta' pproċessar b'madwar 25 %, għandu l-ġhan li jostakola, jirrestrinġi jew jgħawweġ il-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE.

## **Fuq l-ispejjeż**

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra daww tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.



Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Ftehim li għandu karatteristiċi bħal dawk tal-ftehim standard konkluż bejn l-għaxar impriżi ewlenin fost l-impriżi li jipproċessaw il-laħam taċ-ċanga u tal-vitella fl-Irlanda, li huma membri tal-Beef Industry Development Society Ltd, u li b'mod partikolari jipprovdi għal tnaqqis tal-kapaċitajiet ta' pproċessar b'madwar 25 %, għandu l-għan li jgħallq ostakolu, restrizzjoni jew distorsjoni għall-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE.**

Firem